**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 3 ta' Gunju 2025**

Rikors Numru: 507/24 AL

AB

vs

CD

(M.R. Numru 1158/2001)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu espona:

1. Il-partijiet iżżewġu fl-għoxrin (20) ta' Lulju tas-sena elfejn u wieħed (2001) fil-Knisja Parrokjali ta' San Giljan. Kopja taċ-ċertifikat anness u immarkata bħala dok 'A'.

2. Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet kellhom wild, li twieldet fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Diċembru tas-sena elfejn u wieħed (2001) u għalhekk illum laħqet l-età maġġorenni.

3. Illi l-partijiet kienu isseparaw fis-sena elfejn u ħmistax permezz ta' att redatt fl-atti tan- nutar Dottor Jean Carl Debono moqri fil-ħamsa u għoxrin ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħmistax (2015), kopja ta' liema att huwa hawn annes u immarkat bħala dok 'B'.
4. Illi ma hemm l-ebda tama ta' rikonċiljazzjoni tant li illum l-ġuranta il-partijiet jgħixu ħajja kompletament independenti u r-rikorrenti langas biss hu ċert mill-indirizz postali ta' l- intimata.
5. Illi ma hemm l-ebda' pendenzi fuq manteniment u għalhekk ma hemm l-edba ostaklu sabiex iż-żwieġ bejn il-partijiet jkun maħlul skond l-Artikolu 66A et. seq. tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-liġijiet ta' Malta).

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tordna li ż-żwieġ ikkuntrattat mill-partijiet liema żwieġ huwa registrat fl-att numru wieħed, wieħed, hamsa tmienja tas-sena elfejn u wieħed (1158/2001) jiġi dikjarat maħlul;
2. Tordna d-debita notifika tas-sentenza lir-Registru Pubbliku;

U dan taħt kwalunkwe ordni jew proveddiment ieħor li din il-Qorti joġgħobha tagħti.

Rat ir-risposta ta’ Christine Muscat li permezz tagħha esponiet:

1. Illi huwa minnu li l-esponenti isseparat minn mar-rikorrenti Stephen uscat kif dedott fir-rikors promotur;
2. Illi huwa minnu li ma hemm l-eda tama ta’ rikonciljazzjoni ta’ Christine Muscat ma’ Stephen Muscat tant li lum il-gurnata l-partijiet jghixu hajja totalment indipendenti minn xulxin u ma hemm l-ebda tama ta’ rikonciljazzjoni. Kif ammetta l-attur stess, huwa qieghed jitlob id-divorzju halli jkun jista` jizzewweg lil persuna ohra.

3. Illi l-esponenti tixtieq tipprevalixxi mid-dritt taghha li tirreverti ruhha ghal kunjom xbubitha ossia Vella u ghalhekk terga tigi maghrufa bhala Christine Vella.
4. Tant ghandha x’tissottometti ghas-savju gudizzju ta’ din l-Qorti.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta’ Novembru 2024;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat ukoll illi l-intimata talbet li tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` “Vella”; Il-Qorti tilqa’ t-talba u tidderigi lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu l-passi kollha f’dan ir-rigward;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-25 ta’ Gunju 2025;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lill-intimata sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe’ “Vella”, qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;